

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2018 – Ezz et vs Il-Kunsill(Kawża T-288/15) ⁽¹⁾

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu — Iffriżar tal-fondi — Ammissibbiltà — Għanijiet — Kriterji ta’ inklużjoni tal-persuni kkonċernati — Proroga tal-inklużjoni tar-rikorrenti fuq il-lista tal-persuni kkonċernati — Bażi fattwali — Eċċezzjoni ta’ illegalità — Bażi legali — Proporzjonalità — Dritt għal smigħ xieraq — Preżunzjoni ta’ innoċenza — Dritt għal amministrazzjoni tajba — Żball ta’ liġi — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Dritt għall-proprjetà — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva”)

(2018/C 427/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ahmed Abdelaziz Ezz (Giza, l-Eġittu), Abla Mohammed Fawzi Ali Ahmed Salama (il-Kajr, l-Eġittu), Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin, (Giza), Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar (Giza) (rappreżentanti: inizjalment J. Lewis, B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, J. Binns, S. Rowe, solicitors u J.-F. Bellis, avukat, sussegwentement B. Kennelly, J. Pobjoy, S. Rowe u H. de Charette, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u I. Gurov, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/486 tal-20 ta’ Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2015, L 77, p. 16), it-tieni nett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411 tat-18 ta’ Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2016, L 74, p. 40), u, it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/496 tal-21 ta’ Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2017, L 76, p. 22), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ahmed Abdelaziz Ezz u Abla Mohammed Fawzi Ali Ahmed Salama, Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin u Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll daww sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 429, 21.12.2015.